# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru:2893

Kaz Nru. 3991/JB

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Col.Claudio Spiteri Ret'd (KI 362367 M)

u

Malta Gaming Authority

Illum: 24 ta'Frar, 2023

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta (constructive dismissal)*

**Chairman : Is-Sur John Bencini B.A.(Hons)Lic.Phil., M.O.M.**

**FATTI TAL-KAZ**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Col. Claudio Spiteri (K.I. 362367M) tramite l-Avv. Patrick Farrugia. F'dan ir-rikors il-Col. Claudio Spiteri jesponi illi kien impjegat mal-awtorita' intimata bhala Head of Enforcement minn Frar 2016 fuq bazi indefinita - minkejja li l-esponent ma inghatax kopja tal-ebda kuntratt tal-impieg, nghata Job Description illi qed tigi annessa u mmarkata Dok A. Illi wara li l-esponent irtira mill-rwol tieghu bhala Kurunell mal-Forzi Armati, huwa kien stabbilixxa impriza privata li hija specjalizzata fis-servizzi tas-sigurta', filwaqt li wkoll accetta l-irwol surreferit mal-awtorita' intimata stante l-esperjenza tieghu.

Fis-sena 2016, waqt l-intervista tal-esponent, Joseph Cuschieri li dak iz-zmien kien ic-chairperson tal-awtorita' intimata irrikonoxxa li l-esponent kien involut f'tali impriza u accertah illi dan l-interess estern ma kien se jkun ta' l-ebda xkiel fir-rigward tal-impieg tieghu mal-istess awtorita', dment li jobbliga ruhu li ma jipprovdix is-servizzi tieghu lil klijenti ibbazati fi Smart City (fejn hu bbazat l-ufficju tal-awtorita' intimata), u filfatt dan ma kienx u l-anqas qatt kien il-kaz. Matul l-impieg tieghu, l-esponent dejjem agixxa b'mod professjonali u wera prestazzjoni eccellenti, tant li qatt ma kellu problemi u wisq anqas qatt ma qala' l-ebda twiddiba jew twissija la b'mod ufficjali jew mhux ufficjali.

F'April 2021, l-esponent ircieva email minghand Etienne Gatt (HR & Corporate Affairs Manager), fejn intalab jiddikjara kwalunque interess barrani illi seta' kellu, u jekk tali interessi setghux jippregudikaw l-irwol tieghu fi hdan l-Awtorita' l-esponenti mmedjatament ottempra ruhu, kif jidher fl-iskambju ta' emails hawn anness u mmarkat Dok B, u sussegwentament anke baghat lista tal-klijenti tieghu meta sepecifikament gie mitlub jaghmel hekk. Fl-20 ta' April 2021, l-esponent intalab jattendi meeting flimkien mas-CEO Carl Brincat u s-COO Chistopher Formosa, fejn gie mgharraf li kien hemm problema minhabba l-fatt li fost il-klijenti tieghu, kellu wiehed li jopera fil-qasam tal-gaming (u b'hekk jaqa' fil-parametri tal-awtorita' intimata bhala r-regolatur tal-qasam tal-gaming

f’Malta); L-esponent intant gie informat li din il-problema ma halliet lill-Awtorita’ bl-ebda soluzzjoni ghajr li gghielu jissottometti r-rizenja tieghu sal-ghada stess.

L-esponent spejga li qatt ma wera l-ebda preferenza jew agir favorevoli fil-konfront ta’ ebda klijent, kif filfatt jixhdu zewg multi li nhargu lill-klijent surreferit minn taht idejh stess. L-esponent stess spejga kif agir hekk favorevoli lanqas biss seta’ jkun posibbli, l-anqas jekk l-esponent stess xtaqu, ghaliex il-hrug tal-multi minn naha tal-awtorita’intimata kienet pjenament jiddependi fuq decizjonijiet mehuda mill-Compliance & Enforcement Committee tal-istess awtorita’, minn liem kumitat id-decizjonijiet jiddependu fuq kunsens kollettiv ta’ ghadd ta’ individwi.

Qed jigi wkoll innotat illi fost dan kollu l-esponent qatt ma gie mistoqsi jekk kienx janticipa xi kunflitt fir-rigward ta’ dan il-klijent, jew jekk xtaqtx jesplora l-ghazla li ma jzommx lil dan il-klijent fl-impriza privata tieghu sabiex jigi accertat li ma jkunx hemm kunflitt. Minkejja li l-esponent ghamel hiltu sabiex jispjega illi din l-akkuza kienet bla bzonn, is-Sur Brincat u is-Sur Formosa ma cedewx u baqghu jinsistu li l-esponent kellu jirrezenja, u stante dan l-agir dispreggattiv ghall-ahhar, l-esponent ma ra l-ebda alternattiva ghajr li jissottometti r-rizenja tieghu, fejn xorta wahda ddefenda ruhu kontra l-allegazzjonijiet imqajma kontrih Dok C). Intant, f’kaz ta’ kwistjoni ta’ din in-natura fuq il-post tax-xoghol (u aktar u aktar stante l-livell tal-rwol tal-esponent f’dan il-kaz), il-prassi ragonevoli tiddetta illi l-ewwelnett ghandu jkun hemm tahdita dwar tentattivi ghal soluzzjoni, u sussegwentament f’kaz li l-impjegat ma jottemprax ruhu mal-ordnijiet ragonevoli u legittimi tal-principal, jittiehdu proceduri dixxiplinari, u mhux tinghata biss ordni sabiex l-impjegat jirrezenja. Ghandu jigi nnutat ukoll illi l-irwol tal-esponent ghadu vakanti sad-data tal-prezentata tad-dikjarazzjoni odjerna u ghadha ma inharget l-ebda sejha ghalih, li jixhed kemm l-intenzjoni tal-awtorita’ kienet li l-esponent jitnehha sabiex ir-rwol tieghu jigi assorbit minn dipartiment ulterjuri, u dan huwa sostnut ukoll mill-ordni li ricentament kienet inharget mis-Sur Brincat lill-esponent fejn l-ammont massimu ta’ multi li kien permess jipprocessa tnaqqaslu minn ammont indefinit ghal hamest elef Ewro biss.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suepost, l-esponenti umilment jitlob dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impieg tal-esponent tikkostitwixxi ‘constructive dismissal’ stante l-mod kif gie ittrattat;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suepost, jiddikjara u jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impieg tal-esponent tikkostitwixxi tkeccija ngusta stante cirkustanzi illi fiha saret;

3. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-awtorita’ intimata tinzamm responsabbli ghall-hlas ta’ kumpens gust u ekwu skont il-ligi u jillikwida l-istess u jordna l-hlas tal-ammont hekk illikwidat mill-awtorita’ intimata lill-esponent.

Is-Socjeta’ intimata minn naha taghha tesponi li primarjament, ghandu jinghad illi dan huwa kaz ta’ rizenja volontarja mhux sfurzata li ma taqax taht il-parametri ta’ ‘constructive dismissal’ dettati mil-kazistika Ingliza u Maltija dwar is-suggett. Ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta’ Head of Enforcement mal-Awtorita’ minn Frar 2016 fuq bazi ta’ kuntratt ta’ impieg definit li sussegwentement nqaleb ghal kuntratt indefinit fost id-dmirijiet u l-obbligi tieghu, r-rikorrent ma setax jkollu interessi jew relazzjonijiet kuntrattwali ma’ entitajiet direttament jew indirettament irregolati mill-Awtorita’ (vide

klawsola 7 tal-kuntratt t'impieg tieghu). Kuntrarjanment ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrent dikjarazzjoni tal-kaz, u minkejja li l-rwol tieghu jirrikjedi imparzjalita', r-rikorrenti ma ddikjarax ir-relazzjoni kuntrattwali tieghu ma' kumpanija licenzjata mill-awtorita', liema kumpanija, fost ohrajn, ir-rikorrent kien obbligat li potenzjalment jiehu azzjonijiet ta' infurzar kontriha.

Minflok iddikjara l-imsemmi relazzjoni kontrattwali lill-Awtorita', r-rikorrent mmarka 'no' meta kien mistoqsi jekk kellux xi relazzjoni professjonali jew wahda t'impieg ma'organizzazzjoni/jiet li hija 'gaming operator', 'manufacturer' or 'supplier' or 'represents such organisations' (vide l-formola tad-dikjarazzjoni ta'interess datata 17 ta' Frar 2016 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MGA 2.) Di piu, ir-rikorrent naqas milli jwettaq l-obbligu kontinwu tieghu sabiex jinforma lill-Awtorita' jekk hemmx kunflitt ta' interess reali jew percepit li jista' jirrizulta minn attivitajiet jew interessi esterni, hekk kif kien imfakkar permezz ta' diversi emails. L-HR & Corporate Affairs Manager, Etienne Gatt, kellu jippersisti biex jelicita l-informazzjoni mehtiega mar-rikorrent sabiex jikkonkludi jekk hemmx kunflitt ta' interess reali jew percepit. (Vide Dok MGA 4).

Kienet permezz tal-msemmija persistenza ta' Etienne Gatt mar-rikorrent, li l-Awtorita' giet maghrfa bil-fatt illi, minkejja l-obbligi tieghu, ir-rikorrent huwa wkoll direttur u azzjonist f'zewg kumpaniji tas-sigurta' Personal Security Services Ltd (C22661) u Kavallier Security Services Ltd (C 43757). Dawn il-kumpaniji joffru servizzi ta' manned guarding u remote CCTV monitoring u fost il-klijenti taghhom, tinstab l-kumpanija Videoslots Ltd (C49090), liema kumpanija hija llicenzjata u regolata mill-MGA. Minhabba d-dmirijiet tar-rikorrent mal-Awtorita' inkludew, inter alia, azzjonijiet ta' infurzar kontra kumpaniji fil-'gaming', dan holoq b'mod car kunflitt ta' interess.

Rinfaccjat mill-Awtorita' b'din il-problema, ir-rikorrent ha decizjoni volontarja w unilaterali biex jirrezenja mill-impieg tieghu. Fil-fatt, kien minhabba dan il-kunflitt ta' interess li r-rikorrent stess ammetta fl-ittra tar-rizenja hass illi r-relazzjoni t' impieg tieghu mal-Awtorita' ghandha tintemm u ghalhekk kien tal-fehemha li l-kariga tieghu saret insostenibbli (l-ittra tar-rizenja ddatata 21 t'April 2021 hawn annessa u mmarkata bhala Dok MGA 5). "I personally feel that my working relationship with the Regulator (in such capacity) should come to an end. In this regards, I am tendering my resignation.

Minghajr pregudizzju ghas-suepost, kif johrog car mill-kazistika tal-qrati Inglizi, sabiex kaz jammonta ghal "constructive dismissal",l-azzjoni tal-kumpanija tkun 'an (un)resonable response in all the circumstances. Dan ir-ragunar gie kkonfermat ukoll fit-Tribunal Industrijali, fejn giet ipprovduta definizjoni ta' 'constructive dismissal' fil-kaz ta' "Philip Camilleri vs Bortex Clothing Industry Co. Ltd"

" Meta nghidu constructive dismissal nifhmu li ghalkemm mad-daqqa t'ghajn, l-impjegat ikun telaq, irrezenja hu, fil-fatt, dan il-pass ikun rizultat tal-fatt li min ihaddem ikun irragonevolment pogga lill-haddiem daru mal-hajt sal-punt li dan ma kellux triq ohra hlief dik li jitlaq." Ghalhekk, jekk ir-rikorrent jhoss li ma kellu ebda triq li jirrezenja mill-impieg zgur li ma jistax jinghad li din ir-reazzjoni kienet kagunata minn azzjoni rragonevoli ta' l-Awtorita', ghaliex la darba r-rikorrenti jokkupa l-kariga ta' Head of Enforcement mal-Awtorita', huwa ragjonevoli, lil-Awtorita' tistenna li ma jistax jkollu interessi jew relazzjoni kontrattwali diretti jew indiretti ma' kumpanija li huma rregolati mill-Awtorita' stess, hekk kif huwa stipulat fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu mal-Awtorita'.

**PROVI (Sintesi)**

F' dawn il-proceduri xehdu: Col. Claudio Spiteri (Rikorrent), L-Avv. Domenic Micallef (ex-Chief Enforcement Officer), Etienne Gatt (Head of Human Resources and Corporate Affairs), Christopher Formosa (Deputy CEO u Chief Operations Officer), Carl Brincat (CEO) b'Affidavit.

Claudio Spiteri: Meta dhalt nahdem ma l-Awtorita' kont infurmajt lic-Chairman li jiena ghandi interess ghax jiena nahdem bhala security consultant ma' kumpanija privata ghax ix-share holding mhux tieghi izda tal-mara tieghi, eventwalment jiena kont nikkonsulta, nipprova nbiegh il-prodott ecc. Dak kien l-irwol tieghi bhala l-irwol estern. Din il-kumpanija kienet taghti sigurta' lil diversi klijenti li jista jkollha, security service nies li jaghmlu l-guarding….. eventwalment kont iffirmajt li m'ghandi l-ebda konflitt ghax jiena l-konsulenza tieghi ma kienet qatt, qatt ma kelli kuntatt ta' konsulenza li nahdem direttament ma' kumpanija tal-gaming kif kien stipulat f'dak id-dokument li iffirmajt kont tickjajt 'no' ghaliex jiena ma ghandi l-ebda shareholding fil-kumpanija tal-Kavallier….jien kont semplicement haddiem tal-kumpanija wkoll u naturalment iva jien ma kelli l-ebda engagement jew kuntratt jew agreement ma' kumpanija tal-gaming. Il-kuntatt kien ma' Kavallier Security Service….. jiena fiz-zmien li ghamilt nahda mal-awtorita', fl-ebda mument ma hadt l-ebda decizjoni li setghet iffavorixxit lil xi kumpanija tal-gaming,

Hawnhekk l-Avv. Patrick Farrugia staqsa, "qed tghid mill-ewwel qalulek li din hija sitwazzjoni li ma nistghux naccettaw, irridu r-rizenja tieghek? Il-Col. Spiteru wiegeb hekk, "Biex nippreciza qalli.. ghax Mr. Chris Formosa ma tkellimx fil-meeting, Dr. Brincat qalli, qed nitlob ir-rizenja tieghek, kien skjett u car, ma tantx tkellem hafna pero' il-ftit li tkellem, qalli qed nitlob ir-rizenja tieghek….. ma kien hemm l-ebda diskussjoni, l-ebda offerta u l-ebda alternattiva…… importanti li nghid u naghmel enfasi li gejt terminat ghax gejt sfurzat, jiena naf li sal-gurnata tal-lum, ir-rwol ta 'head of enforcement ghadu vakanti biex ma nghidx li probabbli gie abolit.

Waqt il-kontro-ezami, l-Avv. Matthew Brincat staqsa lir-rikorrent," Qed tghidilna li funzjonijiet li kien hemm qabel forsi mbidlu u forsi s'issa hadhom il-legal, naqblu?. Claudio Spiteri wiegeb fil-pozittiv. L-Avv staqsa wkoll…" mela jekk fit-teorija, Video Slots kellhom xi breach tar-regolamenti, ma naqblux li inti kont parti mit-tim jew parti minn nies li seta' jiehu konjizzjoni ta' dak li hu ghaddej u ukoll parti mit-tim jiddecidi fuq l-enforcement fuq il-kumpanija, naqblu? Claudio Spteri wiegeb,"naqblu".

Ix-xhud, Domenic Micallef (Ex-Chief Enforcement Officer).

Fuq mistoqsija tal-Avv. Patrick Farrugia dwar il-prestazzjoni generali ta' Col. Spiteri, ix-xhud wiegeb …. Li kien bniedem ta' dixxiplina u kif ukoll integrita', kien igib rispett lejn il-karigi ta' Chief Officers ….. kulhadd kien jirrispettah.

Fuq mistoqsija tal-Avv. Matthew Brincat dwar konflitt ta' interess, Dr Domenic Micallef wiegeb hekk: Meta jkun hemm ovjament konflitt ta' interess, wiehed irid jiddikjarah, ma jfissirx li jkun hemm xi haga li ma tistax tahdem….. ahna konna nafu li l-kurunell kien involut f'xi kumpanija tas-sigurta', wkoll meta dahal, kienet ukoll public knowledge…ghax kienet anke dehret fuq il-gazzetta ftit qabel

ma dahal…ghaliex dehret fuq il-midja, qabel ma dahal l-awtorita', dan il-kurunell Spiteri huwa nvolut f'kumpanija tas-sigurta'. Fuq mistoqsija : jekk kienx jaf illi dik il-kumpanija ghandha kuntratt, il-kumpanija Video Slots li hija licenzjata mill-Awtorita, Dr. Domenic Micallef wiegeb, 'dwar Video Slots le' L-Avv. Matthew Brincat staqsa: Jew ma xi kumpanija ohra? Int kont taf li din il-kumpanija li fiha il-kurunell kellhu xi interess jew xi kuntratt maghha, kellha xi relazzjoni kuntattwali ma entita' regolata mill-awtorita' Dr Domenic Micallef wiegeb: Le, diga rrispondejt nahseb.

Ix-Xhud, Etienne Gatt (Head of Human Resources and Corporate Affairs). Mistoqsijiet mill-Avv. Patrick Farrugia …..Ir-rikorrent kien qal, allega li gie mghiel jirrezenja…. Ghax kien hemm xi allegat konflitt ta' interess. Issa inti bhala HR Executive dak iz-zmien, meta nqalet din il-kwistjoni….x'ghamilt int, x'azzjoni hadt, x'suggerimenti ressaqt lil ta' fuqek…
Etienne Gatt:…. Ir-rwol tieghi fil-process kien rwol amministrattiv… ahna kull sena nohorgu email lill-impjegati kollha…biex dawn jiddikjaraw il-pozizzjoni taghhom, jekk hemmx xi outside activities ..kunflitt ta' interess jekk hux reali jew perceived….konna nafu illi s-Sur Claudio ghandu interessi f'kumpanija ohra, ma kienux iddikjarati…..u jien baghat email lis-Sur Claudio fis-7 ta' April 2021, fejn nnotifikajtu li…m'hemmx qatt ma gie ddikjarat bil-miktub… is-Sur Claudio infatti acknowledgja li qatt ma gie ddikjarat bil-miktub u jiena tlabtu x'kien l-involviment fil-kumpaniji, hu semma li kien hemm zewg kumpaniji, Personal Security Services u Kavallier Security Services, iddikjara wkoll li Personal Security Services hija non-trading company,….kienet dormant u li fl-ohra Kavalier, kien jiehu hsieb rwol amministattiv, kien director jiehu hsieb onboarding documentation, termination, jiehu hsieb ir-relazzjonijiet ma Jobsplus, …. Is-sur Christopher Formosa talab il-lista tal-klijenti illi l-kurunell kkollabora maghna u tana l-lista tal-klijenti, minn hemmhekk, jiena ma bqajtx parti fil-process …ghax il-grad tieghi huwa grad, dak iz-zmien, inqas minn tal-kurunell. L-Avv staqsa x'kien l-irwol tas-Sur Spiteri f'din il-kumpanija li ssemmiet qabel April, 2021. Etienne Gatt wiegeb li kien talab lill-kurunell dwar il-rwol tieghu fil-kumpanija u fis-7 ta' April huwa qalilna li kien Direttur, shareholder tal-Personal Security Services, Director u Security Consultant ma Kavallier Security Services.
Avv. Patrick Farrugia: …. Meta kien hemm il-meeting fejn gie ordnat jirrezenja mhabba dan l-allegat konflitt ta' interess, gew esplorati xi alternattivi flok rizenja?
Etienne Gatt: Nerggha nghid, jiena ma kontx fiil-meeting……f'dak il-meeting kien hemm is-Sur Christopher Formosa u is-Sur Karl Brincat.

Waqt kontro-ezami mill-Avv. Matthew Brincat li staqsa jekk il-kurunell qatt gie ikellmu biex jispjegalu tipo li n-nies kienu jafu qabel, li din mhux xi haga gdida, lilek qatt gie biex jispjegalek? Ix-xhud wiegeb, li le, ma kellux meetings fejn iddiskutew l-involviment tieghu fil-kumpaniji.

L-Avv Matthew Brincat: "Dik id-dikjarazzjoni, naqblu li l-kurunell fil-fatt imlieha u ma tikkja xejn, cioe' ma ddikjara xejn… Etienne Gatt wiegeb: "Ezatt, dik id-dikjarazzjoni tigi iffirmata l-istess gurnata li dak li jkun jiggojna, jidhol mal-Awtorita.

Avv. Matthew Brincat:…..fil-kaz tal-kurunell specificatament, naqblu li meta l-kurunell mela dik il-formula fil-konfront tieghu stess ma ddikjara xejn?.
Etienne Gatt: Sa fejn naf jien, le, pero' hemm il-provi hemmhekk sottomessi.

Il-Col. Claudio Spiteri jixhed fis-seduta tas- 6/5/2022: Beda biex qal li kien jahdem bhala Security Consultant mas-Socjeta' Kavallier u bhala mpegat fil-konsulenza. Qal li kien sar Direttur fl-2021 f'din il-kumpanija u ghadu hemm sal-lum. Qal li kien hemm nies li kienu share-holders fosthom martu. Ix-xhud jiftakar jghid lis-Sur Joseph Cuschieri li hu ghandu nteressi f'kumpanija tas-sigurta' u is-Sur Cuschieri kien qallu li l-interessi tieghu ma jinteressawx, l-importanti li ma li "ma ggibllix il-kumpanija Kavallier Security Services lejn" smart City, Il-Kurunell kompla jghid aktar il-quddiem …. Jekk wiehed ihares lejn klawsola 7 tal-kuntratt li jien iffirmajt hija car u tond illi l-annessjoni li kelli versus il-Kavallier li hija kumpanija tas-sigurta'…u din la taqax taht ir-regim tal-Gaming".

Dwar il-laqgha li mbaghad waslet ghar-rizenja tieghu, Claudio Spiteri qal li ic-CEO fi ftit kliem talab ir-rizenja tieghu minghajr ma ntalab jaghti opinjoni. Is-Sur Carl Brincat qallu li eventwalment sar jaf li hemm kumpanija tal-gaming u dan huwa zball gravi u li ma jistax isir u qalli 'ghaldaqstant nitlob ir-rizenja tieghek sa ghada f'nofsinhar. Il-Kurunell stqarr li nhasad b'dan, Mhux xi haga sabieha zgur li jigi l-boss fuqek, jghidlek, isma'nitlob ir-rizenja tieghek. Claudio Spiteri stqarr li is-Sur Brincat qallu, jekk ma tirrizenjax,"it will tarnish your reputation, your CV. L-Avv. Matthew Brincat staqsa ….. Ara naqblux li dakinhar inti stajt tghidlu,le, ma rridx nirrezenja. Il-Kurunell wiegeb: "..nahseb li lanqas irrispondejtu ghax tant kont mahsud m'ghidlux iva jew le. L-Avv. Patrick Farrugia staqsa jekk giex offrut xi alternattiva li setghu jissalvagwardlawlu l-impieg, li jibqa fl-impieg. Ic-Col. Claudio Spiteri irrisponda li ma nghata l-ebda alternattiva ohra.

Jixhed is-Sur Christopher Formosa (Deputy CEO u Chief Operations Officer). Fuq mistoqsija tal-Avv. Patrick Farrugia li staqsa …kif nistghu nghidu li l-kumpanija tas-Security tohloq kunflitt ma' xoghol l-awtorita? Is-sur Formosa wiegeb li "mhix il-kumpanija tas-Security li tohloq kunflitt. Il-klijenti tal-kumpanija tas-Security joholqu kunflitt.Is-Sur Formosa fis-seduta ta' 18/2/2022 qal …..ahna b'mod regolari tingibdilna l-attenzjoni li jista' jkun forsi xi hadd ghandu kunflitt ta' interess potenzjali u nintalbu bhala HR Dept li ninvestigaw is-sitwazzjoni. Aktar tard fix-xhieda tieghu is-Sur Christopher Formosa "…....Claudio Spiteri assigurana li minn naha tieghu dejjem prova jimxi bl-ahjar mod u b'mod etiku. Ic-CEO qallu bhal speci li, isma', s-sitwazzjoni hija wahda gravi u kien qed jistenna r-rizenja tieghu. Nahseb dak inhar stess filghaxija bghatilna l-ittra tar-rizenja, Is-Sur Christopher Formosa kompla jghid…il-konverzazzjoni kienet tipo, isma' jew tirrizenja jew inkella jkollna niehdu passi dixxiplinarji. Meta mitlub mill-Avv. Matthew Brincat x'kienet r-reaction tal-Kurunell, is-Sur Christopher Formosa wiegeb hekk, "Qalilna li jifhem is-sitwazzjon fil-pozizzjoni taghna. Rega' assigurana li hu dejjem prova jaghmel l-ahjar tieghu fix-xoghol li ghamel. U bhal speci li kien ha jirrizenja."

Carl Brincat (Affidavit) 8/4/22: Ghall-habta ta'April, 2021, gejt infurmat li Claudio Spiteri kellu xi kumpaniji ta' security. Kont sorpriz li jiena ma kontx naf bihom, specjalment meta wiehed jikkunsidra l-fatt li bejn Ottubru 2019 u Jannar 2021, meta nhtart CEO, is-Sur Spiteri kien jirrapporta direttament lili bhala Chief Legal and Enforcement Officer…… wara li sehh dan, gejt infurmat li, apparti li kellu dawn l-interessi barra mill-MGA li ma kinux debitament dokumentati, irrizulta wkoll li fost il-klijenti ta' wahda mill-kumpaniji tieghu, kien hemm ukoll entita' licenzjata mill-MGA. Dan kien immensament inkwetanti ghaliex kienet cirkostanza li tohloq kunflitt ta' interess carissimu fi kwalsijasi decizjoni ta' infurzar li setghet tittiehed fil-konfront ta'tali kumpanija, kif ukoll fil-konfront ta' kompetituri taghha. Kien ksur lampanti tal-obbligi li kellu is-Sur Claudio Spiteri bhala impjegat

tal-MGA skond l-kundizzjonjiet tal-impieg tieghu, u bhala ufficjal pubbliku li jrid jaghti ezempju ta' trasparenza fis-settur li nirregolaw.

Waqt il-laqgha virtwali li kellna mieghu flimkien ma Christopher Formosa, is-Sur Spiteri beda skuza ruhu ta' li ghamel u offra li jirrimedja b'xi mod. ….fehmtu dan kollu, ghidtlu illi l-ghan tal-laqgha kien li ninfurmah illi jekk mhux bi hsiebu jerfa' r-responsabbilta', billi jirrezenja, kont nipprocedi billi nittermina l-impieg tieghu. Malli ghedtlu hekk, is-Sur Spiteri rega' skuza ruhu u informani li kien ser jirrizenja. Infatti, fil-21 ta' April 2021, ircevejt email minghandu fejn irrezenja mill-impieg tieghu, assigurani li minkejja kunflitt ta'interess dejjem qeda dmiru, u rringrazzja lill-Awtorita', u b'mod specjali lili u lis-Sur Formosa personalment, talli dejjem konna ta' sapport f'mumenti difficli fil-hajja personali tieghu.

**TRATTAZZJONI (SINTESI)**

L-Avv. Patrick Farrugia, ghar-rikorrenti ,ghamel referenza ghall-kawza Zahra vs Phone Direct Ltd u ha naqra silta minnha. "I-haddiem ghandu jigi rispettat dinjita' tieghu fir-rigward ta' min jimpjegah'. Din hija kawza dwar constructive dismissal u turi l-importanza li d-dinjita tal-impjegat tigi rispettata u meta din id-dinjita' ma tigix rispettata tkun kawza tal-gustifikazzjoni ta' kawza ta' constructive dismissal. Din hija krucjali fl-impieg u meta id-dinjita' ma tigix mharsa, jkun hemm jew jista jkun hemm raguni li bniedem jittermina l-impieg tieghu volontarjament, pero' jkollu kawza ta' constructive dismissal kif fil-fatt instab, Hawnhekk ghandna kawza ta' persuna li ghamel l-almu tieghu u li fl-ahhar gie affacjat sabiex jew jirrezenja jew ikollu l-impieg tieghu tterminat.minhabba xi haga li jista jigi argumentat li tista tigi rizolta.

Il-kurunell Spiteri fl-2016 meta sab xoghol mal-MGA bhala Head of Enforcement mhux kellu Kumpanija tal-Sigurta', izda kien impjegat ta' din il-kumpanija li toffri servizzi ta' sigurta' u mhux toffri servizzi ta' Gaming jew xi servizzi li jigu regolati mill-Malta Gaming Authority. Fl-interview li kellu mas-Sur Cuschieri, dan kien qal lil Kurunell Spiteri li pozizzjoni tieghu ma tikkonsistix f'kunflitt ta' interess. Ghadda iz-zmien u qamet il-bicca li din il-kumpanija kellha tigi ddikjarata fil-lista tal-kunflitt ta' interess. Kumpanija li taghti servizzi ta' sigurta', m'hiex regolata mal-MGA. In-naha l-ohra qed tipprova tpoggi li din il-kumpanija kellha affiljazzjonijiet mal-gaming peress li kellha klijent li kien ta-Gaming. Pero' rridu naraw in-nexus fejn qieghed mar-rikorrent li kien impjegat part-time ta' din il-kumpanija. Ir-relazzjoni tar-rikorrent qeghda mal-Kumpanija tas-Sigurta u mhux mal-kumpanija tal-Gaming. Li kieku il-kumpanija tal-gaming titlaq, ir-rikorrenti ma kienet ha taghmillu l-ebda differenza ghax huwa paga kien jaqla, jigifieri titlaq wahda u tigi l-ohra.

F'April, 2021, saret ir-request tar-renewal tal-conflict of interest, biex jissottomettu il-conflict of interest li jista jkollhom impjagati tal-MGA u r-rikorrenti ottempra ruhu, qalilhom li kien Direttur tal-Kavallier. Tahom anke il-lista tal-klijenti kif talbuh. U fost dawn il-klijent kien hemm kumpanija tal-gaming u MGA fflegjata. Wara sar meeting qalu lir-rikorrenti, jew tirrizenja jew ha nkeccuk. Ma tawhx options. Il-Constructive Dismissal kienet ghaliex hu nghata l-option li jew jirrezenja jew inkeccuk, u dan meta r-rikorrenti lanqas biss nghata l-opportunita' li jsemma lehnu. U kien ghalhekk li r-rikorrenti ghazel li jmur ghall-option tar-rizenja volontarja. Dan kien kurunell li kellu certu kburija

fih nnifsu fil-karriera u fejn kien wasal. Huwa ha din id-decizjoni ghaliex ma kienx irid ir-reputazzjoni tieghu tigi tarnished. Il-Kumpanija gabitu dahru mal-hajt, jew isalva jew jeghreq.

Avv. Matthew Brincat ghas-Socjeta' intimata: Dan il-kaz m'huwiex semplici daqskemm qed jipprova jaghmilha l-kollega. L-Malta Gaming Authority kien ghaddej minn tempesta meta c-CEO, is-Sur Cuschieri telaq u dan ghax kien hemm certu allegazzjonijiet illi kien hemm certu closeness ma certu nies regolati mill-MGA. L-istess imbaghad gara lic-CEO ta' wara, is-Sur Heatcliff, li wkoll telaq. Hadd ma jixtieq li jkollok nies f'din l-awtorita' li b'xi mod ghandhom xi kuntatt ma' xi hadd illi huwa llinkjat mal-licencees tal-Awtorita' stess. U minn hemm irridu nibdew. Meta jigri hekk, l-employer jkun rinfacjat f'sitwazzjoni fejn il-Kurunell Spiteri, Head of Enforcement, l-ewwel jigi impjegat u fid-dikjarazzjoni tieghu kellu klawzola 7 fil-kuntratt tieghu li diga qed jindikalu li m'ghandux ikollu xi forma ta' kunflitt ta'interess. L-istess jista jinghad ghal schedule 3 fejn hu kellu jiddikjara jekk kellux xi forma ta'kuntatt jew xi forma ta'sitwazzjoni li setghet twassal ghall-kunflitt ta' interess. Allura jekk ghandek nies bhal Head of Enforcement f'certu rwoli, dawn ghandom certu responsabbilta', biex ma jkollhom l-ebda konnessjoni ma l-ebda persuna regolata mill-MGA.

Meta fir-rizenja tieghu, il-Kurunell u anke waqt il-meeting, il-Kurunell jghid li huwa m'ghamel xejn hazin, fil-fatt ma fhemx li inti qieghed tpoggi l-awtorita' f'sitwazzjoni prekarja mmens. U dan mhux ghax inti fil-fatt thallas jew inti fil-fatt vantagjajt, imma ghax inti tfajt lilek nnifsek f'pozizzjoni fejn trid u ma tridx il-pubbliku u inti stess qieghed f'pozizzjoni kif jghid l-ingliz 'walking on ice'. Ir-rikorrent fil-fatt kien mela' l-formula fil-bidu tal-mpieg tieghu u jghid 'no', jien m'ghandi xejn x'niddikjara. L-MGA jibqghu jibghatu reminders dwar jekk hemm xi hadd li ghandu xi konnessjoni jghidulna, hu jibqa ma jghid xejn. Huwa biss wara dak l-ingliz jghidulu 'prodding', illi l-kurunell, fil-fatt anke l-email li fis-7 ta' April hu stess jghid, jiddispjacini, talli ma tkellimtx qabel. U mhux hekk biss, l-ewwel qal biss illi hemm din il-kumpanija li hu ghandu x'jaqsam maghha, ma qalx li hemm Video Slots bhala klijent. Lanqas gie f'mohhu li din kienet problema. Kien biss wara further prodding, li umbaghad gie u qal li kien hemm din il-kumpanija, li hija licenced mill-MGA, li ovvjament mbaghad hemmhekk l-alarm band bdew idoqqu. It-Tribunal zgur ghandu jasal ghall-konkluzzjoni li l-mara tieghu qeghda hemmhekk biex tirrapprezenta lilu jew biex tghin lilu jew minfloku. Jigifieri il-mara tieghu li m'ghandha l-ebda esperjenza kif smajna fix-xhieda fuq security qieghda hemmhekk biex tirraprezenta l-interessi tieghu. Il-Kurunell jibqa jghid illi hu kien konsulent. Allavolja ma kienx direttur jew inkella sar direttur later on, kien konsulent, Jigifieri, konnessjoni kien hemm.

Nigu issa ghal kwistjoni ta' "constructive dismissal", kif qed jallega ir-rikorrent. Il-kurunell inghatalu zewg options. Jew li jirrezenja minn jeddu jew jitkecca. Din ma kinitx xi Hobson's Choice izda "choice", u l-evidenza tipprova li huwa choice. L-ewwelnett wiehed irid jara hekk hemm l-elementi kollha illi jaslu ghall-constructive dismissal. M'huwiex suggett li ahna nsibu fil-kodici. Huwa suggett li gejja mill-ligi u prassi ngliza li huma mbaghad dahluha fil-ligi taghhom. Nikkwota l-kaz ta' Camilleri kontra Bortex Clothing, fejn hemmhekk it-Tribunal jipprova jghidilna x'inhu constructive dismissal f'zewg kelmiet: "Meta nghidu constructive dismissal nifmhu li ghalkemm mid-daqqa t'ghajn l-impjegat ikun telaq, irrezenja hu, fil-fatt dan il-pass ikun rizultat tal-fatt li minn ihaddem ikun irragonivalment (u din importanti), pogga lill-haddiem dahru mal-hajt sal-punt li dan ma kellux triq ohra hlief li jitlaq'. Il-Kurunell kellu xelta difficli. Il-Kurunell staqsa xi process hemm biex wiehed jitkecca? Dak il-process ukoll jinvolvi bord indipendenti. Il-Kurunell mhux dak il-hin, qam u

qallhom, ara jien ser nirrezenja, no problem, ghax intom sforzajtuni. Hemmhekk forsi hemm l-elementi necessarji ta' constructive dismissal.

Izda jekk wiehed jara l-ittra tar-rizenja tieghu, jidher bic-car, illi l-impjegat hasibha sew qabel ma qabad u ha d-decizjoni cara, meta kiteb "within such context therefore and within the heavy heart, I personally feel that my working relationship with the regulator should come to an end. In this regard, I am hereby tendering my resignation". Jigifieri din wahedha, diga turik li persuna diga hasibha sew u ha decizjoni libera. Hadd ma sfurzah. Umbaghad kompla billi jirringrazzja l-awtorita', u li tul il-karriera tieghu, l-Awtorita' ghinitu meta kellu bzonn. Skond l-evidenza miktuba specjalment fl-ittra tar-rizenja tieghu, u f'dak li qal hawnhekk quddiemna, jixtieq u juri li kien hemm hsieb liberu. Jien nikkontendi li f'dan il-kaz partikulari, il-Kurunell Claudio Spiteri kien liberu li jiddeciedi u ha dik id-decizjoni minghajr arma ppuntata lejh li hu ma kellu l-ebda xelta.

Avv. Patrick Farrugia: L-ewwelnett noqoghdu naqra attenti kif nifmhu x'gara f'dak il-famuz meeting. Ic-CEO ma qalx li jirrikmanda li jitkecca, imma li jitkecca. Din tohrog mill-affidavit tieghu. Jigifieri mhux irrezenja jew nghadduk minn process dixxiplinarju u nirrikmanda li titkecca.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impieg kienitx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti kollha u xtqarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan, kif gew sponuti mix-xhieda u bosta dokumenti mill-partijiet.

Fuq bazi regolari, il-Malta Gaming Authority kienet tara li kull impjegat jigi mitlub jimla' dikjarazzjoni rigward interessi potenzjalment kunfliggenti, li jista jkollu barra mill-MGA, u dan sabiex l-ebda impjegat ma jkollu kunflitt ta' interess fil-qadi ta' dmirijietu. Kienu jintbaghtu ukoll reminders kull tant zmien. Kien permezz ta' din il-procedura fl-2021, illi deher li il-Kurunell Spiteri kellu xi kumpanija ta' sigurta'. Oltre dan, il-MGA irrizultalha, li fost il-klijenti ta' wahda mill-kumpaniji tal-Kurunell Claudio Spiteri, kien hemm ukoll entita' licenzjata mal-MGA. It-Tribunal wkoll jinnota illi fl-email li kiteb ir-rikorrent, huwa talab skuza u informa lill-Awtorita' li kien irrezenja. Fl-istess e-mail, huwa radd hajr lill-MGA u rringrazzja lill-Awtorita' li dejjem kienet ta' sapport ghalih f'mumenti difficli. F'din l-ittra ta' rizenja, it-Tribunal innota li ma kien fiha l-ebda hjiel ta' protesta ghal mod li kien ittrattat fl-impieg.

**DECIDE**

It- Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni ta' dan il-kaz, il-provi migjuba kif ukoll it-trattazzjoni taz-zewg Avukati u wara konsiderazzjoni ta' dawn, u hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddeciedi li r-rikorrent, il-Kurunell Claudio Spiteri ma kienx itterminat mix-xoghol ingustament u li din it-terminazzjoni ma kinitx wahda li tista' titqies bhala 'constructive dismissal'.

A tenur tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lill kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro u sbatax il-Centezmu ( Euro 93.17) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Is-Sur John Bencini
Chairperson